**PARROĊĊA SANTA MARGERITA V.M. SANNAT**
Tel / Fax : 2155 1435.   Email : sannatparish@keyworld .net
Website : www.sannatparish.com

**IL-ĦADD, 2.09.07**: IT-TNEJN U GĦOXRIN ĦADD MATUL IS-SENA.
**IT-TNEJN, 3.09.07:** L-ewwel Tnejn tax-xahar
**Fis-6.00p.m**. ikun hemm il-quddiesa fiċ-Ċimiterju.
**IL-ĦAMIS, 6.09.07:** L-Ewwel Ħamis tax-Xahar
**Fis-7.15a.m**. ikun hawn il-konfessur barrani għall-qrar.
**IL-ĠIMGĦA, 7.09.07:** l-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar
Xieraq li llum nagħmlu qrara u tqarbina riparatriċi.
Illum ikun hawn l-Adorazzjoni quddiem Ġesu Ewkaristija Mit-**8.00a.m. sal-11.00a.m. u mit-3.00p.m.** 'l quddiem.
Nistieden lil kulħadd biex jagħmel ftit mumenti ta' djalogu ma' Ġesu' Ewkaristija.
**Fis-7.00p.m**. quddiesa bl-omelija organizzati miż-Żgħażagħ tal-parroċċa.
**IS-SIBT, 8.09.07 : FESTA TAT-TWELID TA' L-IMQADDSA VERĠNI MARIJA. (il-Vitorja.)**
Hija ħaġa xierqa li wieħed jieħu sehem fil-qudiesa f'din il-ġurnata għażiża.
Il-quddies ikun bħal nhar ta' xogħol pero' jkun hawn **quddiesa oħra fil-11.00a.m.**
**Nota:** illum il-quddiesa li soltu ssir għat-tfal fil-10.30a.m. ma ssirx billi hemm dik tal-11.00a.m.
**IL-ĦADD, 9.09.07**: Ikun it-Tlieta u Għoxrin Ħadd matul is-sena.
Il-ġabra li ssir llum fil-knisja tkun għar-restawri.

**ĠIMGĦA TA' SPIRITWALITA' dwar il-KELMA T'ALLA**
**Tema Ġenerali: "*KUNU ĦBIEB TAL-VANĠELU*"**
**17 sal-21 ta' Settembru 2007**

## OFFERTI GĦALL-VITTMI TAT-TERREMOT

Id-Djoċesi ta' Għawdex se tagħmel ġabra għall-vittmi tat-terremot li laqgħat il-Peru'. Dawk li jixtiequ jagħmlu xi offerta jistgħu jagħtuha lil xi saċerdot tal-parroċċa.

## VISTI FIL-FAMILJI

Nhar it-Tlieta u l-Erbgħa, 4 u 5 ta' Settembru se jsiru visti fil-familji tal-Parroċċa tagħna mill-Membri Leġjunarji minn parroċċi oħra.
L-iskop huwa li nitħejjew għall-bidu tas-Sena tal-Pastorali fil-Parroċċa.
Il-Ħinijiet tal-visti se jkunu bejn l-4.30 u s-7.00 ta' fil-għaxija.

## Kopja tal-PASTORALI TA' L-ISQFIJIET

Ma' dan il-Bullettin qegħdin inqassmulkom kopja ta' l-Ittra Pastorali ta' l-Isqfijiet ta' Malta u Għawdex li bgħatulna fl-okkażjoni tal-festa ta' Santa Marija.
Tajjeb li wieħed jaqraha u jirrifletti ftit fuqha għax fiha ħafna tagħlim u tgħinna nħarsu bl-għajnejn tal-Vanġelu lejn il-ġid ta' l-art u lejn fejn aħna miexja.

## IL-QUDDIESA

Għadna fi żmien il-vaganzi, u xi drabi mal-vaganzi bħala mistrieħ, jieħdu vaganza wkoll xi affarijiet spiritwali li soltu nagħmlu matul is-sena. U fosthom il-QUDDIESA.
Mhux sewwa li bl-iskuża li trid tistrieħ ma ssibx ħin biex tiltaqa' mal-Mulej fl-Ikla Ewkaristika.
Il-ftit ħin tal-quddiesa mhux se jfixkel il-ħin tal-vaganzi anzi jagħtik ċans tara aħjar kif tgawdi u fl-istess ħin tibqa' fil-paċi ma' Ġesu'.
Tista' ssib fejn tieħu sehem fil-quddiesa f'diversi ħinijiet tal-ġurnata. Kull ma' trid tagħmel hu li tgħid :"irrid nibda.." u nieħu dan l-impenn quddiem Alla li żgur se jfawwru b'ħafna grazzji.

## SANTI U TALB:

Jekk jogħġbok tħallix Santi jew talb fil-bankijiet tal-knisja biex isiru xi kopji tagħhom u mbagħad taqla' l-grazzja. Din hija superstizzjoni u tmur kontra l-ewwel kmandament.
Jekk qed tagħmel dan qed tiżbalja.